MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 306/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fl-4 ta' Lulju, 1964.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq

id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew ((h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikat naqset li tippresenta nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumacji skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attur u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Ottubru, 1997 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta ma

ppresentax eccezzjonijiet u fil-fatt ma ressqitx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attur ma hemm xejn li jissodisfa l-Qorti b'mod li ghandha tilqa' t-talba tieghu. L-aggravji li semma huma kollha dwar dak li gara wara z-zwieg u ftit li xejn jindikaw xi kawzali li taghti lok ghall-annullament. Kif irritentiet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet <u>Muscat vs Casha</u> (28 ta' Frar, 2006); "*Hija opportuna l-osservazjoni li onus probandi ei qui dicit ei qui negat ... multo magis f'kazijiet bhal dawn in disamina fejn tesisti fil-ligi presunzjoni legali favur il-validita taz-zwieg sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jesistu wiehed jew iktar mir-ragunijiet espressi fil-ligi. (Appell - <u>Zammit vs Zammit</u>, deciza fis-27 ta' Jannar, 2001).*

*A propositu gie osservat fil-kawza Appell Civili - <u>Joseph Spiteri vs George Spiteri</u> Vol. LXXXV.II.81) illi jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju diskrezzjoni ta' gudizzju kemm il-darba jirrizulta li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b' mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko- valutattiva dwar l-oggett tal-kunsnes taz-zwieg; jew minn dik il-maturita affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew tiehu decizjonijiet zbaljati. (21 ta' Novembru, 1995 – <u>Emmanuel Camilleri vs Carmen Camilleri</u>). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmiet sufficjentement fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga ma jammntax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (PA - <u>Selina Vella Haber vs Joseph Gatt</u>, 15 ta' April, 1996).*

Dan apparti l-fatt illi z-zwieg in kwistjoni gie celebrat fl-1964 u allura qabel giet *in vigore* il-Kapitolu 255 u allura l-Ligi applikabbli hija dik vigenti dak iz-zmien u cioe' id-dritt

kanoniku in vigore dak iz-zmien u mhux il-kawzali indikati fl-istess Kapitolu 255.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talba attrici. L-ispejjes ikunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------